Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

23 ta' Settembru 2016

**L-Erbgħa u Sittin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Tħejjijiet għall-*EDEN Network Meeting*
6. Tħejjijiet għall-Proġett "*Small Markets at the Heart of the European Economy*"
7. Użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja minn għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

C:\Users\Carmel Debono\Documents\Council Agendas\7th Council\Agd7_64.docx

## MOZZJONI

7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier P. Cutajar illi tgħid:

*"Billi permezz ta' kuntratt datat 12 ta` April 2001 iffirmat bejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li bis-saħħa tiegħu l-Batterija ta' Westreme ġiet devoluta lill-Kunsill b`titolu ta' kera;*

*Billi l-intenzjoni tal-Kunsill hija li dan il-bini ikun jista` jitgawda mill-pubbliku, iżda minħabba l-limitazzjonijiet fir-riżorsi umani mhux possibbli li jidħol għall-kustodja tal-imsemmija batterija; u*

*Billi fil-21 ta' Frar 2005, il-Kunsill kien iffirma ftehim mal-Art Club 2000 li jipprovdi għall-kustodja tal-batterja u l-ftuħ tagħha għall-pubbliku bħala mużew dwar l-industrija tat-tunnara fil-Mellieħa, liema ftehim skada fid-29 ta' Frar 2008;*

*Billi ż-żewġ partijiet urew l-intenzjoni li jġeddu l-ftehim b'numru ta' emendi skont il-minuti tas-Seduta Nru. 63 tat-12 ta' Settembru 2016;*

*Il-Kunsill jirriżolvi illi s-Sindku u s-Segretarju Eúekuttiv għandhom jiġu awtorizzati sabiex jiffirmaw l-imsemmi ftehim għat-tliet snin li ġejjin b'effett mill-1 ta` Ottubru 2016.".*

John Buttigieg - Sindku
**Propenent**

Patrick Cutajar - Kunsillieri
**Sekondant**